

# Il-Mitjar tal-Qrendi jagħlaq 71 Sena



kitba ta' Emanuel Muscat

Għal bosta minn dawk li huma żgħar fl-età u li se jaqraw dan l-artiklu, qatt ma jistgħu jimmaġinaw li ftit passi 'l bogħod mir-raħal tal-Qrendi fejn illum hemm il-kappella ta' San Niklaw kien jeżisti mitjar li kien magħruf bħala *RAF* Krendi. Qiegħed ngħid dan għal fatt li llum il-ġurnata minn dan il-post ftit li xejn fadal, għajr xi ftit bini.

Fost dan il-bini wieħed għadu jista' jara l-*Main Guard Room u l-Canteen*, wieħed miż-żewġ torrijiet tal-kontroll u xi bini tal-amministrazzjoni. Dan il-mitjar kien jikkonsisti f'żewġ *runways* li minn fuqhom kienu jitilgħu u jinżlu ajruplani tal-għamla Spitfire. Illum il-ġurnata waħda mir-*runways* qiegħda tintuża triq biex minna jgħaddu l-karrozzi u l-oħra tinsab mibnija bl-irziezet. Biss jekk hawn min ma jiftakarx dan, mhux hekk jista' jingħad għal dawk in-nies li għandhom età mhux ħażin.

Ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' dan il-mitjar beda f'Diċembru 1940, kellu żewġ *runways* waħda 13/31 mill-Grigal għal-Lbiċ twila 1,000 metru b'wisgħa ta' 46 metru u l-oħra 27/09 mill-Majjistral għax-Xlokk twila 1080 metru b'wisgħa ta' 46 metru. Kien hemm xi dewmien sakemm tlesta biex jibda jopera għat-titjir tal-ajruplani minħabba skarsezza ta' ħaddiema u l-ftit makkinarju li kien jeżisti dak iż-żmien. Minn qabel ma tlestew ir-*runways* il-mitjar beda jintuża bħala Q-site bi dwal finta biex ifixkel lill-għadu.



**Ritratt mill-isbaħ tal-mitjar tal-Qrendi u l-madwar meħud mill-ajru fl-1942. Fuq in-naħa tax-xellug isfel jidher ir-raħal tal-Qrendi kif kien 71 sena ilu. Ritratt mill-kollezzjoni tal-awtur.**

Wieħed irid jirrealizza kemm sar sforz kbir biex tlesta f'ħinu dan il-mitjar, meta l-għadu kien qed jattakkana. Dan il-mitjar kien inbena biex jokkomoda 76 ajruplan maqsumin fi tliet skwadri mferrxin fi tliet postijiet imbiegħda minn xulxin (*dispersals*) madwar il-mitjar. F'kull *dispersal* kien ikun hemm ammont ta' *Pens*. Dawn kienu lqugħ għoljin b'qoxra magħmula minn pjanċi taż-żingu rinfurzati bil-pajpijiet tal-ħadid, fejn il-vojt ta' bejn il-pjanċi kien ikun mimli bit-terrapin. Dawn kienu jkunu magħmulin f'forma kwadra bi tliet ħitan jew nofs tond b'daħla minn quddiem biżżejjed kemm ikun jista' jidħol Spitfire u b'hekk kien ikollu lqugħ mill-qawwa tal-balal li setgħu jaqaw fil-qrib.

Dan il-mitjar ġie inawgurat uffiċjalment nhar l-10 ta' Novembru 1942 mill-Gvernatur ta' Malta Lord Gort u ngħata l-isem tar-raħal tal-Qrendi. Għal din l-inawgurazzjoni, li saret wara nofsinhar f'ġurnata sabiħa, attendew bosta nies distinti, fosthom uffiċjali għolja tar-*Royal Air Force*, ir-*Royal Artillery* u r-*Royal Navy*, kif ukoll iż-żewġ kuntratturi s-Sur J Bezzina li kien responsabbli mix-xogħlijiet li saru fuq ir-*runways* u s-Sur Aquilina li kien responsabbli mill-kostruzzjoni tad-*dispersals*.

Ftit 'il bogħod kienu qed isegwu din iċ-ċerimonja bosta ġenituri u t-tfal tagħhom li ġew mill-irħula viċin. Mal-wasla tiegħu l-Gvernatur ta' Malta Lord Gort akkumpanjat minn żewġ uffiċjali għolja militari kien milqugħ mill-*Air Vice Marshall* Sir Keith Park, il-Kap Kmandant tar-*Royal Air Force* hawn Malta. Wara l-Gvernatur spezzjona gwardja tal-unur magħmula minn stakkament ta' suldati tat-*3rd Battalion tal-KOMR (Kings Own Malta Regiment)*.

Qabel l-inawgurazzjoni sar diskors mill-Gvernatur Lord Gort fejn fih iddeskriva r-reżistenza tal-poplu Malti kontra l-għadu bħala qlubija kbira waqt li Malta għal ħafna żmien kienet iżolata f'nofs il-baħar Mediterran tiġġieled għal-libertà. Inħossuna kburin li l-għadu ma rnexxilux jaħtaf lil din il-Gżira bis-saħħa tal-qlubija kbira tal-poplu Malti.

Huwa wera l-gratitudni kbira tiegħu lill-piloti tar-*RAF* għas-suċċessi li kienu qegħdin jirnexxilhom iwettqu. Tkellem ukoll dwar id-diffikultajiet li sabu l-ħaddiema biex lestew dan il-proġett u faħħar ix-xogħol li rnexxielhom iwettqu fl-iqsar żmien. Imbagħad wasal il-mument li dan il-mitjar jingħata lir-*Royal Air Force* b'Sir Keith Park jingħata uffiċjalment l-inkarigu

ta' dan il-mitjar. Wara sar diskors minn Sir Keith Park fejn f'isem ir-*RAF* irringrazzja lill-Gvernatur, lill-awtoritajiet ċivili u lill-poplu Malti tal-għajnuna kbira li sab biex inbena dan il-mitjar tal-Qrendi. Huwa qal li dan se jippermetti lir-*RAF* biex iżidu aktar ajruplani biex jiġġieldu kontra l-għadu.

Wara, il-mistiedna telgħu fuq il-bejt tat-torri tal-kontroll fejn kien hemm riċeviment. Iċ-ċerimonja ġiet fit-tmiem tagħha meta *Air Vice Marshall Sir* Keith Park startja l-Hurricane personali tiegħu li kien iġib il-marki personali tiegħu OK-2, minn quddiem it-torri tal-kontroll u minn hemm saqu sa fuq ir-*runway* biex tar bih quddiem l-uffiċjali u l-folla tan-nies. Wara li tar, dar dawra u wara għamel inżul fuq il-mitjar.

Minn dakinhar 'il quddiem dan il-mitjar beda jservi ta' bażi għal tliet skwadri tar-*RAF* il-185, it-229 u t-249. L-aħħar *Spitfire* tal-185 *Squadron* li ttajjar minn dan il-mitjar tal-Qrendi kien fit-30 ta' Settembru 1943 u b'hekk ġew fi tmiemhom l-operazzjonijiet ta' titjir minn dan il-Mitjar li għalkemm ma tantx hu msemmi kellu sehem kbir matul l-għaxar xhur li dam jopera.

**Referenzi**

Times of Malta


# T. Spiteri

**Mini Ready Mix**
**with High-Up Services**



***Għal kull tip ta' xogħol ta' Konkos, Torba, Żrar, Ramel u Ħamrija.***

Mob: **7906 3000**

# FRAME MAKER

*For any kind of frames and glass cutting*

57, St. Catherine Street,
Mqabba MQB 1203

Tel: 2168 3308
Mob: 9988 8691

caruanachristian@gmail.com